Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2172(DEC)

24.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2172(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex" jew "l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

2. Ifakkar fir-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti tiegħu, li identifikaw nuqqasijiet rigward il-qafas tad-drittijiet fundamentali, it-trasparenza, il-protezzjoni tad-data u l-kultura ta' ġestjoni li wasslu lill-Parlament biex jirrifjuta l-kwittanza tal-baġit tal-Aġenzija għall-2020; jilqa' l-kooperazzjoni mal-awtorità ta' kwittanza; jinnota l-progress li sar mill-maniġment interim u l-maniġment il-ġdid b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet biex jiġu żgurati l-kontinwità tal-operat, is-sorveljanza u l-obbligu ta' rendikont fil-Frontex; jistieden lill-maniġment il-ġdid ikompli jinvolvi ruħu fir-riforma profonda tal-kultura organizzattiva tal-Aġenzija u jirrapporta perjodikament lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress tagħha;

3. Jenfasizza l-ħtieġa ta' Frontex b'saħħitha, effettiva u li tiffunzjona sewwa, li tkun tista' tassisti lill-Istati Membri sabiex jimmaniġġjaw b'effiċjenza l-fruntieri esterni komuni tal-Unjoni Ewropea, u jiżguraw ġestjoni integrata tal-fruntieri f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

4. Jinnota r-rispons u l-appoġġ fil-pront tal-Frontex ipprovduti lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna; jilqa' t-tqegħid ta' madwar 500 uffiċjal ta' korp permanenti b'ħidma tul il-fruntiera tal-Lvant mill-Finlandja sar-Rumanija, fosthom aktar minn 350 uffiċjal b'ħidma fil-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna ; jirrikonoxxi li l-Mediterran Ċentrali għadu r-rotta migratorja ewlenija lejn l-UE; jinnota li jridu jiġu allokati biżżejjed riżorsi u proċeduri tal-UE u tal-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu biex isalvaw il-ħajjiet, f'konformità wkoll mal-Konvenzjoni tat-Tiftix u s-Salvataġġ u, fl-istess ħin, ma jwasslux għall-iżbark ta' migranti f'portijiet mhux sikuri;

5. Jinnota li fl-2022, il-Frontex appoġġat lill-Istati Membri bil-kontribut ta' aktar minn 617 000 jum ta' xogħol ta' korpi permanenti, aktar minn 111 000 f'assi-jiem ta' riżorsi marittimi, tal-ajru u terrestri f' 20 operazzjoni inklużi 102 post ġdid ta' operazzjoni; jinnota wkoll iż-żieda fl-appoġġ tal-Frontex għar-ritorn effettiv ta' 24 868 ta' persuni li waslu b'mod irregolari, ipprovdut lill-Istati Membri; jilqa' t-tqegħid u l-assistenza tal-persunal tal-Frontex fir-Repubblika tal-Moldova wara l-iffirmar tal-ftehim bejn l-UE u l-Moldova dwar il-kooperazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri;

6. Jinnota li l-Frontex hija l-akbar aġenzija tal-UE li f'dawn l-aħħar snin irċeviet l-aktar żidiet sinifikanti fil-baġit, f'konformità mar-responsabbiltajiet ġodda tagħha; ifakkar li l-UE kkontribwiet EUR 788 miljun fl-2023 meta mqabbla ma' EUR 704 miljun fl-2022; ifakkar li l-Frontex issaħħet f'dak li jirrigwarda l-persunal u t-tagħmir tekniku bil-mandat il-ġdid tagħha fl-2019; jinnota li fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika kumplessa

enfasizzata mill-aggressjoni Russa mhux provokata fl-Ukrajna, l-importanza tal-appoġġ tal-Frontex lill-Istati Membri żdiedet b'mod sinifikanti u l-isforzi jridu jkomplu f'termini ta' riżorsi umani u materjali; jisħaq li żidiet bħal dawn fir-responsabbiltà u baġit għall-Aġenzija jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn miżuri korrispondenti biex jiġu żgurati l-obbligu tar-rendikont, it-trasparenza u l-iskrutinju tar-rispett tal-Aġenzija għad-dritt tal-Unjoni;

7. Jilqa' l-fatt li l-Frontex implimentat 99,4 % tal-baġit tagħha għall-2022, peress li dan juri l-effiċjenza u l-effikaċja tal-kontrolli interni stabbiliti u t-titjib sinifikanti li sar fil-ġestjoni tal-baġit; jilqa' l-fatt li ttieħdu miżuri u li sar progress biex jiġu indirizzati xi osservazzjonijiet; jinnota madankollu li ħafna osservazzjonijiet mill-Qorti mis-snin preċedenti għadhom ma ġewx solvuti inkluż dwar livelli għoljin ta' trasferimenti u kanċellazzjonijiet, kif ukoll dewmien fil-proċess ta' pagamenti u kanċellazzjonijiet; jinnota ż-żewġ osservazzjonijiet dwar l-akkwisti pubbliċi li għandhom jiġu indirizzati biex jiġu evitati każijiet ta' irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-kuntratti ta' akkwist, id-dewmien fil-pagamenti tal-Frontex u n-nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġi indirizzat il-kunflitt ta' interess potenzjali għar-reklutaġġ; ifakkar li dawn in-nuqqasijiet jistgħu jesponu lill-Frontex għal riskji reputazzjonali u legali;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon li matul l-aħħar sentejn l-Aġenzija rat bidliet maniġerjali sinifikanti, inkluż viċi uffiċjal għad-drittijiet fundamentali (FRO) ġdid, president ġdid tal-Bord Maniġerjali tagħha, żewġ viċi diretturi eżekuttivi ġodda u l-ħatra ta' direttur eżekuttiv ġdid; jinnota l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali biex jitranġaw in-nuqqasijiet tal-passat u tal-preżent; jilqa' wkoll il-passi meħuda mill-Frontex biex tgħaddi minn proċess ta' tranżizzjoni u biex ittejjeb il-kultura maniġerjali u tippromwovi l-benessri tal-persunal; jistieden lit-tmexxija l-ġdida twettaq riformi li huma meħtieġa l-aktar fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, it-trasparenza u l-effiċjenza fil-proċeduri interni, u biex iżżid l-obbligu ta' rendikont lejn il-Parlament u l-Kunsill skont il-qafas legali applikabbli;

9. Jilqa' t-tisħiħ tal-Uffiċċju tad-Drittijiet Fundamentali, il-ħolqien ta' network ta' punti fokali tad-drittijiet fundamentali fl-entitajiet kollha tiegħu biex jiġi żviluppat għarfien espert dwar id-drittijiet fundamentali fl-oqsma kollha tal-attività, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali; ifakkar li mis-87 attività previsti mill-pjan ta' azzjoni biex id-drittijiet fundamentali jiġu integrati fl-attivitajiet kollha tal-Aġenzija, tmienja ġew implimentati bis-sħiħ; 56 ġew implimentati u kienu għaddejjin (huma implimentati b'mod sistematiku u b'mod kontinwu); 17 ġew parzjalment implimentati; u tnejn kienu posposti;

10. Jinnota li, wara r-rakkomandazzjonijiet għal aġenzija tal-fruntiera effettiva li tkun konformi mad-drittijiet fundamentali u sabiex jittejbu l-obbligu ta' rendikont, ir-regolarità u l-legalità tal-attivitajiet kollha tal-Frontex, ġew reklutati 22 Osservatur tad-Drittijiet Fundamentali (FROM) esterni oħra; ifakkar li l-FROMs kollha għandhom jiġu reklutati fil-livell AD mill-aktar fis u permezz ta' proċeduri xierqa; jirrimarka li, abbażi tal-mandat aġġornat tal-Aġenzija, l-għadd ta' FROMs għandu jkompli jikber; jilqa' l-fatt li l-Uffiċċju għad-Drittijiet Fundamentali wettaq 1 183 jum ta' assenjament u żar 50 pajjiż, u din hija żieda sostanzjali meta mqabbla mas-sena preċedenti;

11. Ifakkar li l-Frontex u l-awtoritajiet relevanti tal-Istati Membri jikkostitwixxu l-garanti

ewlieni għal fruntieri esterni Ewropej b'saħħithom u protetti filwaqt li jsostnu d-drittijiet fundamentali u l-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali; jinnota li l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali kkonkluda fl-opinjoni tiegħu tal-1 ta' Settembru 2022 li l-kundizzjonijiet għall-iskattar tal-Artikolu 46 tar-Regolament dwar il-Frontex ġew issodisfati; jinnota wkoll li l-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija dwar l-Artikolu 46 dwar id-Drittijiet Fundamentali, ħareġ sensiela ta' rakkomandazzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fil-Greċja li minnhom, sa Ottubru 2023, erba' kienu ġew implimentati bis-sħiħ; jinnota li l-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija biħsiebu jimmonitorja l-progress ulterjuri u li l-miżuri rakkomandati jkomplu jiġu applikati; jitlob li r-rakkomandazzjonijiet kollha jiġu implimentati bis-sħiħ bħala kwistjoni ta' prijorità u li l-Frontex tkompli tinforma lill-Parlament dwar il-progress li jkun sar;

12. Jinnota l-miżuri tal-Frontex dwar it-trasparenza u l-iskrutinju, jiġifieri li tipprovdi lill-Parlament u lill-Kunsill ħarsa ġenerali tal-attivitajiet tagħha permezz ta' għodda ġdida ta' rapportar imsejħa d-"dashboard"; iħeġġeġ lill-presidenti tal-Bord Maniġerjali jkomplu jistiednu lill-osservaturi tal-Parlament għal-laqgħat tiegħu u jikkunsidraw li jestendu l-istediniet għall-punti kollha tal-aġenda, inkluż għall-punti diskussi bil-bibien magħluqin u jkomplu jipprovdu d-dokumenti ta' sostenn kollha mingħajr eċċezzjoni u, jekk jitqies meħtieġ, b'mod kunfidenzjali;

13. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fil-Każ OI/4/2021/MHZ li l-Frontex għandha tiżgura approċċ aktar proattiv għat-trasparenza bl-għan li tiżgura responsabbiltà akbar għall-operazzjonijiet tagħha u r-rakkomandazzjonijiet mill-Ombudsman fil-Każ OI/4/2022/PB fir-rigward tal-prattiki tal-Aġenzija fit-trattament tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti; jinnota l-iżvilupp u l-implimentazzjoni kontinwata ta' pjan ta' azzjoni komprensiv biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet maħruġa lill-Frontex fl-2020 u fl-2021 mill-Ombudsman immirati lejn l-effettività u t-trasparenza tal-mekkaniżmu tal-ilmenti tal-Frontex, ir-rwol u l-indipendenza tal-FRO tal-Frontex, il-konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali u l-obbligu ta' rendikont;

14. Ifakkar fid-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) fir-rigward ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Bord Maniġerjali, li fihom l-EDPS enfasizza diversi oqsma inklużi l-ipproċessar u l-kondiviżjoni miżjuda ta' data personali li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità mar-Regolament 2018/1725; jinnota li l-Aġenzija ħolqot pjan ta' implimentazzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-EDPS; jistieden lill-Aġenzija tkompli tikkoopera mal-EDPS biex tindirizza l-kwistjonijiet pendenti kollha;

15. Jinnota t-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni biex isegwi l-kwistjonijiet imqajma fir-rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ippreżentat lill-Bord Maniġerjali f'Jannar 2023; jistieden lill-Aġenzija tindirizza bis-sħiħ il-kwistjonijiet ippreżentati fir-rapport tal-OLAF u tkompli tirrapporta dwar il-progress li jsir f'dan ir-rigward; ifakkar it-tieni investigazzjoni tal-OLAF fil-prattiki ta' ġestjoni fl-Aġenzija li tinsab għaddejja, disa' xhur biss wara li ngħalqet l-ewwel investigazzjoni tal-OLAF; jitlob li l-allegazzjonijiet ta' mġiba ħażina jiġu vverifikati u investigati bir-reqqa; jistieden lill-Aġenzija tiżgura l-kooperazzjoni sħiħa u leali mal-OLAF fl-istadji kollha tal-investigazzjoni u tirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress tal-istat u l-eżitu tal-investigazzjoni;

16. Jesprimi tħassib dwar il-każijiet legali pendenti li fadal u l-kritika dwar l-involviment tal-aġenzija fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-pushbacks fil-fruntieri esterni tal-UE, li ma jikkonformawx mar-regolamenti tagħha stess;

17. Jinnota l-enfasi tal-Qorti fuq il-paragrafu tal-materja relatata mal-kalkolu ħażin tal-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati ma' Schengen (SAC); jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-ftehimiet bejn l-UE u l-SAC li jservu bħala bażi legali għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-baġit tal-UE mhumiex ċari u jippermettu interpretazzjonijiet diverġenti li jirriżultaw f'kontribuzzjoni aktar baxxa, ikkalkulata b'madwar 7 %, mill-SAC; ifakkar fit-tweġiba tal-Aġenzija li din hija prattika stabbilita għall-kalkoli tal-kontribuzzjonijiet tal-SAC approvati mill-Bord Maniġerjali u l-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni teżamina dawn il-ftehimiet peress li ma hemm l-ebda formula awtomatika unika biex jiġu stabbiliti l-kontribuzzjonijiet għall-baġits tal-UE u tal-aġenziji;

18. Jinnota wkoll it-tieni paragrafu ta' osservazzjoni tal-Qorti dwar il-kwistjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet għat-tieni sena konsekuttiva; jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li l-kontijiet ma setgħux jiġu ċċertifikati minħabba informazzjoni nieqsa relatata ma' sistema tal-IT (Sistema ta' Ġestjoni tal-Missjonijiet), li hija proprjetà tal-Kummissjoni, li tipprovdi d-data kontabilistika;

19. Jistieden lill-Frontex timplimenta bis-sħiħ, bħala kwistjoni ta' prijorità, ir-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha mill-korpi Ewropej ta' verifika u skrutinju, b'mod partikolari dawk tal-Grupp ta' Ħidma ta' Skrutinju tal-Frontex tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman Ewropew, il-Qorti u l-Grupp ta' Ħidma tal-Frontex dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Aspetti Operattivi Legali tal-Operazzjonijiet (WG FRaLO), kif ukoll l-azzjonijiet kollha meħtieġa estratti mir-rapport tal-OLAF wara l-investigazzjoni rilevanti tiegħu, u tirrimedja l-kwistjonijiet kollha enfasizzati fihom; jinkoraġġixxi lill-Aġenzija żżid l-isforzi li qed twettaq bħalissa u tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura r-rispett sħiħ tal-istandards tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, id-drittijiet fundamentali, il-kultura organizzattiva u t-trasparenza;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni:

Entità u/jew persuna
European Border and Coast Guard Agency ("FRONTEX")

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 –: 12 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, Abir Al-Sahlani, Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Lukas Mandl, Erik Marquardt, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Diana Riba i Giner, Isabel Santos, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Jana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Cyrus Engerer, José Gusmão, Beata Kempa, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Anne-Sophie Pelletier, Bergur Løkke Rasmussen, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Marisa Matias, Caroline Nagtegaal

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

42	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Hildegard Bentele, Maria da Graça Carvalho, Lena Düpont, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Janina Ochojska, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Andrus Ansip, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Caroline Nagtegaal, Maite Pagazaurtundúa, Bergur Løkke Rasmussen, Róża Thun und Hohenstein, Jana Toom
S&D	Katarina Barley, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Cyrus Engerer, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Diana Riba i Giner, Tineke Strik

12	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Nicolaus Fest
NI	Milan Uhrík
The Left	Cornelia Ernst, José Gusmão, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier

2	0
ID	Tom Vandendriessche
Verts/ALE	Damien Carême

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni